# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Tletin (30) ta' Jannar 2025**

**Rikors Numru 800/2018 FDP**

Fl-ismijiet

**Sephora Cutajar (ID 342179M), bħala kuratriċi ad litem tal-minuri Izayah Muscat (ID 0179803L) f'isimha propju u fil-kwalita' tagħha ta' werrieta ta' Hubert Muscat u, permezz ta' digriet datat 14 ta' Marzu 2024, Izayah Muscat assumiet l-atti tagħha**

**vs**
**Medserv Operations Limited (C-2971), u**
**Atlas Insurance PCC Limited (C-5601)**
**għal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 30 ta' Awissu 2018, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbet s-segwenti:

   1. *Illi nhar it-22 ta' Settembru 2016 tilef ħajtu Hubert Muscat waqt li kien qiegħed jaħdem b'inkarigu tas-soċjeta' intimata Medserv Operations Limited.*

   2. *Illi l-imsemmi Hubert Muscat miet intestat u s-suċċessjoni tiegħu għaddiet kollha kemm hi fuq il-wild minuri tiegħu, l-esponenti Izayah Muscat.*

   3. *Illi dan l-inċident seħħ unikament bi ħtija tas-soċjeta' intimata Medserv Operations Limited minħabba negliġenza, traskuraġni, imperizja, nuqqas ta' ħsieb u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, inklużi dawk dwar is-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol, u wkoll minħabba ksur tal-obbligi kontrattwali tal-istess soċjeta' intimata lejn Hubert Muscat.*

*4. Illi minkejja li l-esponenti interpellat anke uffiċjalment lis-socjeta' intimata Medserv Operations Limited kif ukoll lis-soċjeta' assikuratriċi tagħha l-intimata l-oħra Atlas Insurance PCC Limited sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni kaġonati bi ħtija ta' Medserv Operations Limited, huma baqgħu inadempjenti.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi u dawk kollha li jirriżultaw fil-kors tas-smigħ ta' din il-kawża, prevja kull dikjarazzjoni oħra li tista' tirriżulta meħtieġa, l-esponenti titlob reverentement li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*1. Tiddikjara lis-soċjeta' intimata Medserv Operations Limited unikament responsabbli għall-inċident imsemmi li ġara fit-22 ta' Settembru 2016, u li b'riżultat tal-istess inċident tilef ħajtu Hubert Muscat, u konsegwentement tiddikjaraha responsabbli għad-danni kollha kaġonati mis-soċjeta' intimata bi ħtija tagħha.*

*2. Tillikwida d-danni kollha kaġonati mis-soċjeta' intimata okkorrendo bl-operat ta' perit nominandi.*

*3. Tikkundanna lis-soċjetajiet intimati jew min minnhom iħallsu lill-esponenti fil-kwalitajiet tagħha premessi s-somma hekk likwidata u dikjarata bħala dovuta in linea ta danni.*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittri uffiċjali bin-numri 3598/16 u 2714/17 u bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-interpellanza ġudizzjarja kontra l-istess soċjetajiet intimati li jibqgħu minn issa nġunti għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fit-28 ta' Awwissu 2018, is-soċjeta' intimata Altas Insurance PCC Limited laqgħet għal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difiża:

*1. Illi, preliminarjament, jiġi eċċepit illi t-talbiet rikorrenti għandhom jiġu miċħuda in kwantu diretti kontra s-soċjeta' esponenti Atlas Insurance PCC Limited stante li ma hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejn l-istess rikorrenti nomine u s-soċjeta' assikurattiva Atlas Insurance PCC Limited. Ġialadarba bejn dawn iż-żewġ partijiet ma kien hemm, u qatt ma jista' jkun hemm, l-ebda rapport kontrattwali jew obbligu ġuridiku [li jitnissel ex nunc minn xi aġir extra-kontrattwali] li jorbothom flimkien a finijiet tal-preżenti kawża, isegwi għalhekk li s-soċjeta' esponenti Atlas Insurance PCC Limited m'hiex il-leġittimu kontradittriċi għall-lanjanzi tar-rikorrenti nomine u għandha għalhekk tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.*

*2. Di piu', is-soċjeta' esponenti Atlas Insurance PCC Limited tirrileva illi r-relazzjoni ta' bejnha u bejn is-soċjeta' intimata Medserv Operations Limited hija waħda interna, regolata bil-kundizzjonijiet tal-polza ta' assikurazzioni viġenti bejniethom, għal liema relazzjoni r-rikorrenti nomine hija totalment estranea.*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u għas-sussegwenti, għal dak li jirrigwarda l-mertu, it-talbiet rikorrenti nomine hekk kif diretti kontra s-soċjeta' esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti.*

4. *Illi, konsegwentement, mingħajr preġudizzju għas-suespost u għas-sussegwenti, ma hemm l-ebda danni x'jiġu likwidati favur ir-rikorrenti nomine u wisq anqas għandha s-soċjeta' esponenti tiġi kkundannata tħallas lill-istess rikorrenti nomine xi danni hekk likwidati.*

5. *Salv għal kull eċċezzjoni ulterjuri permessa mil-liġi, bl-ispejjeż kontra tal-istess rikorrenti nomine.*

3. Rat illi fit-28 ta' Awwissu 2018, is-soċjeta' intimata Medserv Operations Limited laqgħet għal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difiża:

1. *Illi, in linea preliminari, ir-rikorrenti Sephora Cutajar bħala kuratriċi tal-minuri Izayah Muscat, in kwantu għall-azzjoni tagħha qua eredi tad-defunt Hubert Muscat, għandha tipprova l-interess ġuridiku tagħha u li hija fil-fatt eredi tal-imsemmi defunt Hubert Muscat.*

2. *Illi, mingħajr preġudizzju għal premess u fil-mertu, qabel xejn għandu jiġi rilevat li, skond il-prinċipju onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat, anke a tenur tal-Artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jinkombi interament fuq ir-rikorrenti nomine li tipprova skond il-grad rikjest mil-liġi illi l-inċident de quo verament seħħ minħabba xi negliġenza, traskuraġni, imperizja, nuqqas ta' ħsieb jew xi nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tas-saħħa u sigurta' fuq il-post tax-xogħol jew minħabba xi ksur tal-obbligi kontrattwali tas-soċjeta' esponenti hekk kif jidher li qiegħed jiġi allegat fir-rikors promotur.*

3. *Illi dan premess, l-ewwel talba tar-rikorrenti nomine hija fondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda stante li s-soċjeta' esponenti mhiex responsabbli bl-ebda mod għall-inċident de quo, liema inċident seħħ unikament bi ħtija tad-defunt Hubert Muscat stess meta naqas serjament milli jsegwi proċeduri bażiċi, ben magħrufa fil-vesti tiegħu ta' crane operator, u dan waqt l-eżekuzzjoni ta' xogħolu fuq il-mobile crane tal-għamla Liebherr LTM 1100-5.2, liema proċeduri del resto kien mistenni u kien obbligat illi jsegwi hekk kif ser jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

4. *Illi di fatti, id-defunt Hubert Muscat, bħala impjegat tas-soċjeta' esponenti, kellu l-obbligu li jevita' inċidenti li jistgħu jwasslu għall-korriment tiegħu stess hekk kif affermat fl-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta fejn jingħad illi, "Huwa d-dmir ta' kull ħaddiem li jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu kif ukoll dik ta' persuni oħra li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir".*

5. *Illi di piu', għal kuntrarju ta' dak li jidher li qiegħed jiġi allegat mir-rikorrenti nomine fir-rikors promotur tagħha, is-soċjeta' esponenti dejjem aġixxiet b'diliġenza fejn, fost affarijiet oħra, dejjem adderiet ruħha mal-obbligi legali tagħha, fosthom dawk kontenuti fil-Kapitolu 424 ta' Liġijiet ta' Malta, fejn*

*saħħet sabiex tipprovdi lill-impjegati tagħha, fosthom lid-defunt Hubert Muscat, a safe place of work kif ukoll a safe system of work. Biżżejjed jingħad illi l-mobile crane mertu tal-inċident odjern kien soġġett għal spezzjonijiet regolari, debitament ċertifikati, u dan kif ser jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

6. *Illi inoltre, is-soċjeta' esponenti tirrileva illi hija dejjem provdiet it-tagħmir prottettiv kollu meħtieġ għall-eżekuzzjoni tax-xogħol lill-impjegati kollha tagħha, inkluż lid-defunt Hubert Muscat. Bl-istess mod, l-imsemmija soċjeta' esponenti kienet u għadha tagħti taħriġ regolari u speċjalizzat lill-impjegati tagħha, inkluż lid-defunt Hubert Muscat, li anke ngħata taħriġ speċifiku fuq l-operat tal-mobile crane li huwa kien jopera meta seħħ l-inċident in deżamina, u dan skond ma' jirriżulta miċ-ċertifikat hawn anness u mmarkat bħala "Dok. MOL1". Għaldaqstant, indubbjament, id-defunt Hubert Muscat kien ikkunsidrat bħala highly skilled crane operator u dan ukoll kif ser jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

7. *Għaldaqstant, fiċ-ċirkostanzi u anke in vista ta' dak appena premess, jispetta lir-rikorrenti nomine jippruvaw li s-soċjeta' esponenti verament wettqet xi nuqqas illi jagħmilha b'xi mod responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża odjerna u l-grad ta' tali responsabbilita'.*

8. *Illi jsewgi għalhekk li t-tieni talba tar-rikorrenti nomine għandha wkoll tiġi riġettata billi m'hemmx danni x'jiġu likwidati favur l-istess rikorrenti nomine liema danni, del resto, jeħtieġu li jiġu pruvati skond il-liġi.*

9. *Konsegwentement it-tielet talba tar-rikorrenti nomine għandha wkoll tkun miċħuda billi s-soċjeta' esponenti m'għandhiex tiġi kkundannata tħallas ebda danni u dan għar-raġunijiet hawn fuq premessi.*

10. *Salv eċċezzjonijiet oħra premessi fil-liġi u bl-ispejjeż.*

**Provi**

4. Rat id-dokumentazzjoni ppreżentata mir-rikorrenti, ossija:

    - Ċertifikat tal-mewt ta' Hubert Muscat
    - Ċertifikat tat-twelid ta' Izayah Muscat
    - Riċerki tesimentari pubbliċi
    - Riċerki tesimentarji sigrieti
    - Ittra uffiċjali bin-numru 3598/16
    - Ittra uffiċjali bin-numru 2714/17
    - FS3's ta' Hubert Muscat għas-snin 2014 u 2015.

5. Rat id-dokumentazzjoni ppreżentata mis-soċjeta' intimata Medserv Operations Limited, ossija:

    - Ċertifikat tat-taħriġ fuq l-operat ta' Liebherr Crane LTM 110-5.2 maħruġ lid-defunt Hubert Muscat fl-24 ta' April 2014.

6. Rat l-affidavit ta' **Sephora Cutajar**, ippreżentat fl-24 ta' Settembru 2018. (fol 38)

7. Rat l-affidavit ta' **Ian Farrugia**, Project Manager ma' Polidano Group, ippreżentat fl-24 ta' Ottubru 2018. (fol 43)

8. Rat l-affidavit ta' **Mario Paul Zahra**, *heavy plant driver*, ippreżentat fl-24 ta' Ottubru 2018. (fol 44)

9. Rat ix-xhieda ta' **Joseph Saliba**, rappreżentant ta' Jobs Plus, mogħtija fit-30 ta' Novembru 2018 (fol 50) u d-dokumentazzjoni minnu ppreżentata. (fol 52 sa 54)

10. Rat ix-xhieda ta' **Doris Vella Cassia**, rappreżentant ta' Mater Dei, mogħtija fit-30 ta' Novembru 2018 (fol 53) u d-dokumentazzjoni minnha ppreżentata. (fol 57 sa 98)

11. Rat l-affidavit ta' **Anthony Abela**, persuna illi kien jaf lil Hubert Muscat, ppreżentat fit-30 ta' Novembru 2018. (fol 100)

12. Rat ix-xhieda ta' **Nobert Ciappara**, rappreżentant tal-Occupation Health and Safety Authority, mogħtija fl-1 ta' Frar 2019 (fol 106) u rat id-dokumentazzjoni minnu ppreżentati. (fol 116 sa 165)

13. Rat ix-xhieda ta' **Brian Spiteri**, Health and Safety Co-Ordinator tas-soċjeta' intimata Medserv Operations Limited, mogħtija fl-10 ta' April 2019. (fol 174 - 187)

14. Rat ix-xhieda tal-**Prokuratur Legali Eunice Grech Fiorini**, bħala Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali, mogħtija fl-20 ta' Mejju 2019. (fol 191)

15. Rat ix-xhieda ta' l-**Ispettur Melvin Camilleri**, mogħtija fl-10 ta' Lulju 2019 (fol 198) u rat id-dokumenti minnu ppreżentati, fosthom ir-Rapport tal-Pulizija. (fol 200 sa 205)

16. Rat ix-xhieda ta' **Simon Lanzon**, Base Manager, gia Operations Manager, fi ħdan is-soċjeta' intimata Medserv Operations Limited, mogħtija fl-14 ta' Ottubru 2019. (fol 209)

17. Rat id-dokumentazzjoni li xehed dwarha Simon Lanzon illi ġiet eżebita permezz ta' nota fil-5 ta' Novembru 2019. (fol 216 sa 304)

18. Rat ix-xhieda ta' **Paul Zahra**, Crane Operator, mogħtija fit-13 ta' Novembru 2019.

19. Rat illi, b'ordni tal-Prim Imħallef, fit-3 ta' Jannar 2020 il-kawża ġiet assenjata lil dina l-Qorti kif komposta.

20. Rat illi fis-6 ta' Jannar 2020 il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għall-4 ta' Marzu 2020.

21. Semgħet ix-xhieda ta' **Wayne Wrigley**, Chief Health, Safety and Security Environment Quality Officer tas-soċjeta' intimata Medserv Operations Limited, mogħtija fl-4 ta' Marzu 2020. (fol 324)

22. Semgħet ix-xhieda ta' **l-Inġinier Alexander Galea**, mqabbad bħala espert fl-Inkjesta Maġisterjali, mogħtija fl-10 ta' Novembru 2020 (fol 353), u rat id-dokumentazzjoni minnu eżebita. (fol 356)

23. Semgħet ix-xhieda ta' **Andrew Camilleri**, Claims Manager fi ħdan is-soċjeta' intimata Atlas Insurance PCC Limited, mogħtija fl-10 ta' Novembru 2020 (fol 357) u rat id-

dokumentazzjoni eżebita minnu, fosthom '*Discharge and Subrogation Form*' datata 9 ta' Marzu 2017 w il-poloz tal-assikurazzjoni tas-soċjeta' intimata Medserv Operations Limited. (fol 362 sa 480)

24. Semgħet ix-xhieda ta' **Antoine Hili**, Team Leader, gia Charge Hand impjegat mas-soċjeta' intimata Medserv Operations Limited, mogħtija fl-10 ta' Novembru 2020. (fol 482)

25. Rat illi fl-24 ta' Novembru 2020 ġie eżebit mir-rikorrenti il-Proċess Verbal redatt mill-Maġistrat Inkwirenti Dr Claire L Stafrace Zammit datat 4 ta' Settembru 2019 intitolat '***Inċident bi crane fi ħdan il-kumpannija Medserv ġewwa l-Freeport Birżebbugia fejn raġel ta' tlieta u erbgħin sena safa mejjet.***" (fol 494 sa 730)

26. Rat id-dokumentazzjoni illi Andrew Camilleri kien obbliga ruħu illi jippreżenta fix-xhieda tiegħu, ossija tliet rapporti redatti mis-soċjeta' AP Services datati 20 ta' Ottubru 2016, 12 ta' Novembru 2016 u 9 ta' Diċembru 2016, dwar l-inċident meritu tal-kawża odjerna. (fol 732 sa 759)

27. Semgħet ix-xhieda ta' **Stephen Fischer**, Charge Hand impjegat mas-soċjeta' Medserv Operations Limited, mogħtija fis-27 ta' Jannar 2021. (fol 760)

28. Rat illi fit-28 ta' Ottubru 2021, ir-rikorrenti ppreżentat digriet Nru 357/2017 tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) li juri illi Izayaha Muscat hija l-eredi universali ta' Hubert Muscat. (fol 780)

29. Semgħet ix-xhieda ulterjuri ta' l-Inġinier Alexander Galea, mogħtija fit-28 ta' Ottubru 2021 (fol 784), in eżami u kontro eżami u rat ir-rapport minnu redatt, datat 8 ta' Lulju 2017, u minnu ppreżentati. (fol 795 sa 817)

30. Semgħet ix-xhieda ulterjuri ta' l-Inġinier Alexander Galea, mogħtija fis-16 ta' Diċembru 2021 (fol 811), in eżami u kontro eżami.

31. Rat illi fis-16 ta' Diċembru 2021, ir-rikorrenti dikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippreżenta.

32. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ulterjuri ta' l-Inġinier Alexander Galea, mogħtija fis-17 ta' Marzu 2022. (fol 823)

33. Semgħet ix-xhieda ta' **Gaston de Giovanni**, *Loss Adjuster* u rappreżentant ta' AP Services, mogħtija fid-9 ta' Ġunju 2022. (fol 842)

34. Rat l-affidavit ta' Simon Lanzon, *General Manager*, gia *Operations Manager* tas-soċjeta' intimata Medserv Operations Limited, ippreżentat fl-14 ta' Diċembru 2022 (fol 852) flimkien ma' dokumentazzjoni. (fol 858 sa 996)

35. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' Stephen Fischer, mogħtija fl-4 ta' April 2023. (fol 998)

36. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' Antoine Hili, mogħtija fl-4 ta' April 2023. (fol 1006)

37. Rat illi l-Qorti, kif ippresjeduta, għamlet aċċess fuq il-moll tas-soċjeta' intimata Medserv Operations Limited, fejn seħħ l-akkadut, liema aċċess sar fid-19 ta’ Settembru 2023 fil-presenza tal-partijiet kif ukoll l-Inġinier Alexander Galea. (fol 1015)

38. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta’ Simon Lanzon mogħtija fit-18 ta’ Jannar 2024. (fol 1017)

39. Rat illi fit-18 ta’ Jannar 2024, il-partijiet iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi w għalhekk il-kawża setgħet titħalla għas-sottomissjonijiet finali bil-miktub.

40. Rat is-sottomissjonijiet tar-rikorrenti bil-miktub ippreżentati fis-26 ta’ Marzu 2024.

41. Rat is-sottomissjonijiet ta’ l-intimati bil-miktub ippreżentati fit-13 ta’ Ġunju 2024.

42. Rat illi fit-13 ta’ Ġunju 2024 il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

43. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi Izayah Muscat, rappreżentata fil-proċeduri odjerni minn ommha, Sephora Cutajar, sakemm saret maġġorenni u assumiet l-atti f’isimha, hija bint Hubert Muscat, illi kien f’inċident traġiku illi seħħ fit-22 ta’ Settembru 2016 fuq il-post tax-xogħol tiegħu, meta hija kellha biss tlettax-il sena.

44. Jirriżulta, di fatti, illi fit-22 ta’ Settembru 2016, Hubert Muscat, illi kien jaħdem bħala *Crane Operator* fis-soċjeta' intimata Medserv Operations Limited, miet hekk kif, waqt illi kien qiegħed jopera *mobile crane* tad-ditta Liebherr propjeta’ tas-soċjeta' intimata Medserv Operations Limited, waqa’ fil-baħar flimkien mal-mobile crane, u ma rnexxielux isalva minn tali waqa’.

45. Jirriżulta illi, permezz tal-proċeduri odjerni mibdija fl-1 ta’ Awissu 2018 minn omm Izayah Muscat, ossija Sephora Cutajar, li ma’ Hubert Muscat kellha relazzjoni li wasslet għat-twelid tat-tifla Izayah Muscat, ir-rikorrenti Izayah Muscat talbet sabiex is-soċjeta' intimata Medserv Operations Limited tiġi dikjarata unikament responsabbli għall-inċident li ġara fit-22 ta’ Settembru 2016 u għalhekk tiġi kundannata tħallas għad-danni li jiġu hekk likwidati.

46. Jirriżulta illi l-azzjoni odjerna saret kemm kontra s-soċjeta' intimata Medserv Operations Limited, minn issa ‘l quddiem imsejjħa “Medserv”, kif ukoll kontra s-soċjeta' assikuratriċi Atlas Insurance PCC Limited, minn issa ‘l quddiem imsejħa “Atlas” għal kull interess illi jista’ jkollha.

47. Jirriżulta illi, filwaqt illi s-soċjeta' Atlas kkontendiet illi hija kellha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju stante illi ma kellha ebda relazzjoni ġuridika mar-rikorrenti, s-soċjeta' Medserv, da parte tagħha, ripudjat kwalsiasi responsabbilta’ lilha attribwita mir-rikorrenti.

48. Jirriżulta, di fatti, illi s-soċjeta' Medserv saħqet illi hija kienet tat it-taħriġ w tagħrif kollu meħtieġ lil Hubert Muscat, illi kien ikkunsidrat bħala ‘*highly skiller crane operator*’, u li l-inċident illi wassal għall-mewt traġika ta’ Hubert Muscat kien riżultat ta’ nuqqas, da’ parte ta’ l-istess Muscat, milli jsegwi proċeduri bażiċi lilu ben magħrufa bħala *mobile crane operator*, liema proċeduri kien mistenni u obbligat illi jsegwi.

49. Hawnhekk, il-Qorti tosserva illi, filwaqt illi jidher li s-soċjeta' Atlas qajmet eċċezzjonijiet ta' natura preliminari, huwa opportun sabiex dina l-Qorti tikkunsidra l-meritu per intier tal-każ odjern minnufih flok ma toqgħod taħli l-ħin tagħha fuq eċċezzjonijiet ta' natura preliminari – għalhekk il-Qorti ser tipproċedi biex teżamina l-inċident illi wassal għall-mewt traġika ta' Hubert Muscat bil-għan illi tiġi stabbbilita r-reponsabbilta' o meno, kif mitlub fir-rikors promotur.

## Fatti

50. Jirriżulta illi, fost ix-xhieda prodotti mir-rikorrenti, kien hemm varji persuni mressqa unikament sabiex jixhdu dwar il-kompetenza ta' Hubert Muscat, bħalma huma Sephora Cutajar, Ian Farrugia, Mario Paul Zahra u Anthony Abela, illi ftit li xejn jistgħu jitfgħu dawl fuq kif attwalment seħħ l-inċident traġiku.

51. Jirriżulta wkoll illi tressaq ukoll r-rappreżentant tal-Occupation Health and Safety Authority, Norbert Ciappara, illi filwaqt illi seta' jagħti indikazzjoni dwar xi informazzjoni illi rnexxielu jottjeni waqt l-istħarriġ tiegħu, ma setax jagħti konklużjonijiet peress illi, sakemm huwa xehed, l-Inkjesta Maġisterjali illi eventwalment ingħalqet fl-4 ta' Settembru 2019, kienet għadha pendenti, u għalhekk ma setax jagħmel il-konklużjonijiet tiegħu, għalkemm tefa' dawl fuq uħud mill-fatti li rriżultaw.

52. Jirriżulta illi, fost ix-xhieda prodotta wkoll, kien hemm varji persuni illi jaħdmu mas-soċjeta' intimata Medserv, u li kienu jaħdmu magħha dakinhar tal-akkadut, fosthom il-Health & Safety Officer Brian Spiteri, l-Operations Manager ta' dak iż-żmien, issa General Manager, Simon Lanzon u Charge Hand Stephen Fisher, illi lkoll saru jafu bl-inċident wara illi attwalment seħħ.

53. Jirriżulta, madanakollu, illi fost ix-xhieda kollha prodotti, apparti x-xhieda tal-esperti Inġinier Alexander Galea u Gaston De Giovanni, illi ċertament taw xhieda rilevanti ħafna għall-każ, l-aktar xhieda importanti dwar l-akkadut kienu **Paul Zahra**, *Crane Operator* illi kien ma' Hubert Muscat dak il-ħin illi inqaleb il-crane ġol-baħar, u li kien l-ewwel persuna illi qabeż il-baħar jipprova jsalva lil Hubert Muscat, kif ukoll **Antoine Hili**, li dakinhar kien *charge hand* responsabbli tax-xogħolijiet fuq is-sit, u li kien tkellem miegħu l-aħħar Hubert Muscat qabel ma mar biex jopera l-mobile crane.

54. Il-Qorti, għalhekk, tqis illi x-xhieda ta' Paul Zahra u Antoine Hili, kif ukoll, sa ċertu punt, ta' Simon Lanzon, flimkien ma' dik tekinka tal-esperti Inġinier Alexander Galea u Gaston De Giovanni, huma importanti ħafna sabiex toħroġ il-verita' dwar l-akkadut illi wassal għall-mewt traġika ta' Hubert Muscat.

## Ikkunsidrat

55. Jirriżulta illi **Paul Zahra**, illi huwa kemm *Crane Operator* kif ukoll mechanic, dakinhar tal-akkadut kien flimkien ma' Hubert Muscat, jgħinu.

56. Jirriżulta, di fatti, illi fix-xhieda minnu mogħtija fit-13 ta' Novembru 2019, huwa kellu dan xi jgħid: (fol 310 – 311)

> ***Xhud** : Dak filgħodu ġie għalija Hubert …*

> ***Dr. Andrew Saliba*** *: Gie għalik bil-karozza?*
>
> ***Xhud*** *: Ġie għalija bil-mixi fejn il-garage qalli Pawlu rridu nagħtu d-diesel lil crane. Qalli nimlew trakk, immorru fuq il-moll u nagħtuh id-diesel.*
>
> *Għidtlu okay, imlejna trakk, tela' miegħi ġot-trakk u qalli rrid ngħaddi nixtri ħobża. Eżatt ħa ngħidilek. Għaddejna l-canteen, kien magħluq il-canteen u bqajna neżlin. Għidtlu Hubert, issa aħna u telgħin ngħaddu nixtru u qalli okay. Inżilna, sibna xi erbgħa trakkijiet ta' l-Express Trailers u għidtlu stenna waħda ħalli ninżel ħalli ngħidilhom biex tkun tista' ddur bil-crane u naħdmu komdi u qalli okay. Hu sadanittant niżel minn ġot-trakk u mar ġol-crane, jien neħħejt it-trakkijiet u jien soqt it-trakk 'il quddiem.*
>
> *Hu tela' ġol-gabina ta' wara, għajjatli, qalli ġibli waħda ċ-ċavetta tal-crane minn quddiem għax dak għandu, mhux ċavetta teqleb l-iswitch u qalli eqilbu waħda u qlibtu u jien tlajt ġot-trakk u hu ġol-gabina.*
>
> *Sfortunatament imbagħad minn hemm hu għamel l-affarijiet naħseb jien, mhux nahseb, hekk hu ...*
>
> ***Qorti*** *: Le mhux taħseb.*
>
> ***Xhud*** *: Hekk hu. Għamel il-manuvri ...*
>
> ***Qorti*** *: Hu paċenzja. Trid tgħid dak li rajt mhux li taħseb.*
>
> ***Xhud*** *: Li rajt imbagħad inqeleb il-crane.*

57. Dwar il-manuvra li għamel Hubert Muscat, huwa kellu dan xi jgħid:

> ***Dr. Andrew Saliba*** *: Int fir-rapport lill-Pulizija għidtilhom li għamel manuvri li kienu obbligatorji. X'ridt tfisser biha din il-frażi?*
>
> ***Xhud*** *: Obbligatorji jiġifieri l-manuvri tal-crane x'għamel u m'għamilx.*
>
> ***Dr. Andrew Saliba*** *: Dan il-kliem tiegħek. Kienu obbligatorji jiġifieri kellhom isiru bilfors.*
>
> ***Xhud*** *: Bilfors kellhom isiru.*
>
> ***Dr. Andrew Saliba*** *: F'liema sens tista' tispjegalna lilna li ma nifhmux?*
>
> ***Xhud*** *: Għax hu ried idur bil-crane għax l-affarijiet tad-diesel li ridna nagħtu kienu n-naħa tal-baħar allura inti bit-trakk ma tidħolx fejn il-baħar. Ried idur imbagħad il-crane għandu pompa, qiegħda mill-fabbrika magħmula, iddaħħal il-pipe ġot-tank u jagħti d-diesel il-crane. Ġol-crane jiġifieri ...*
>
> ***Dr. Andrew Saliba*** *: Il-pompa min idaħħalha?*
>
> ***Xhud*** *: Min irid.*

***Qorti** : Il-pipe mhux il-pompa.*

***Dr. Andrew Saliba** : Skużani l-pipe.*

***Xhud** : Min irid. Jekk jien irrid ngħinu nista' ninżel jien u jekk jien ma rridx ngħinu jinżel hu ...*

***Dr. Andrew Saliba** : U f'dan il-każ x'ġara?*

***Xhud** : Xejn.*

***Dr. Andrew Saliba** : Kien għadu ma daħħalx il-pipe?*

***Xhud** : Lanqas ilħaqna tajna xejn.*

*…*

***Qorti** : Meta int qed tgħid il-kelma obbligatorja, il-kelma obbligatorja tfisser ta' bilfors. X'ridt tgħid biha l-kelma obbligatorja li tfisser ta' bilfors? Jiġifieri int qed tgħid kellhom isiru manuvri għax in-naħa ta' minn fejn jieħu l-petrol kien fuq in-naħa tal-baħar hux hekk?*

***Xhud** : Iva.*

***Qorti** : U allura bilfors biex jiġi viċin il-pompa kellu jdur ħalli jiġi viċin il-pompa.*

***Xhud** : L-affarijiet tad-diesel iridu jiġu n-naħa t'hawnhekk.*

***Qorti** : Tal-pompa.*

***Xhud** : Iva.*

***Dr. Andrew Saliba** : Jiġifieri ma setax isir mod ieħor. Hekk qed tgħid jiġifieri. Iva?*

***Xhud** : Hu seta' jsir xi ħaġa oħra imma jrid iżarma l-crane imma dakinhar ma ...*

***Dr. Andrew Saliba** : Meta tgħid jiżżarma l-crane xi tfisser?*

***Xhud** : Irid ineħħi l-counter weight, irid jagħlaq is-saqajn, irid iniżżel il-crane, jersaq bil-crane lejn il-Freeport jew inkella jitla' l-plant u jagħtih id-diesel minn hemmhekk imma dak iż-żmien ma kienx hemm affarijiet li ma nistgħux nagħtu diesel fuq il-moll jew, ma kien hemm xejn minn dawn l-affarijiet.*

***Dr. Andrew Saliba** : F'liema sens ma kien hemm xejn?*

> ***Xhud** : Jiġifieri stajna nagħtu diesel fuq il-moll. Aħna s-soltu ma nagħtux diesel fuq il-moll għax jaqa' xi diesel għal ġol-baħar għalhekk proprja ma nagħtux diesel fuq il-moll. Issa illum-il ġurnata hemm karta jiġifieri ffirmajniha kollha, hemm l-ispills ukoll ...*

58. Jirriżulta illi dwar l-għoti tad-diesel, Zahra kellu dan xi jgħid:

> ***Dr. Andrew Saliba** : Dak iż-żmien min kien jagħti l-istruzzjonijiet dwar fejn għandu jingħata d-diesel u meta għandu jingħata d-diesel lill-cranes?*
>
> ***Xhud** : Hemm ħafna.*
>
> ***Dr. Andrew Saliba** : Tista' ssemmi xi ismijiet?*
>
> ***Xhud** : Ma nistax insemmi ismijiet għax jien lil Hubert ma nafx min qallu, forsi ħariġha Hubert minn ġo rasu dak il-ħin. Ma nafx.*
>
> ***Dr. Andrew Saliba** : Qed tassumi inti.*
>
> ***Xhud** : Qed ngħidlek il-verita jien.*
>
> *…*
>
> ***Dr. Andrew Saliba** : Dakinhar ma tafx.*
>
> ***Xhud** : Le.*
>
> ***Qorti** : X'kien jiġri b'mod normali? Tieħdu l-crane fejn il-pompa jew tagħtu d-diesel lil crane fuq il-moll? X'kien jiġri dak iż-żmien ta' l-inċident?*
>
> ***Xhud** : Dak iż-żmien stajna nagħtu diesel ...*
>
> ***Qorti** : Mhux xi stajtu, x'kien isir normalment?*
>
> ***Xhud** : Nagħtu diesel hemmhekk.*
>
> ***Qorti** : Każ normali li sebaħ jum tax-xogħol u l-crane għandu bżonn id-diesel, x'kontu tagħmlu? Timxu t-tul tal-Freeport jew tagħtu d-diesel fuq il-moll?*
>
> ***Xhud** : Ġieli tajna fuq il-moll.*
>
> ***Qorti** : Ġieli tajtu jew ħafna drabi?*
>
> ***Xhud** : Meta kien ikun hemm ħafna xogħol konna nagħtu diesel fuq il-moll iva.*
>
> ***Qorti** : U spiss?*
>
> ***Xhud** : Il-crane għandu tank kbir, kellu tank kbir.*

***Qorti** : Jiġifieri waħda fil kontu tagħtuh diesel fuq il-moll jew diversi drabi kien jiġri hekk?*

***Xhud** : Waħda fil.*

***Dr. Andrew Saliba** : U llum m'għadux isir hekk.*

***Xhud** : Le. Illum kollox, l-inġenji kollox fuq pero minħabba biex ma jaqax diesel u affarijiet minn dawn u kemm hu hekk il-crane jiġifieri għandu pompa tad-diesel biex tagħti d-diesel minn hemm, minn ġol-vettura għal ġol-crane.*

59. Jirriżulta illi dwar min ta' l-istruzzjoni lil Hubert Muscat sabiex jagħti diesel lill-crane, **Antoine Hili**, dakinhar tal-inċident *charge hand*, jiċifieri *supervisor* tal-ħaddiema fuq il-lant tax-xogħol, kellu dan xi jgħid meta xehed fl-10 ta' Novembru 2020. (fol 482)

***Dr Andrew Saliba :** Mela dakinhar tal-inċident ... kont kellimtu inti?*

***Ix-Xhud :** Dakinhar kien kellimni filgħodu hu. Qalli li għandu bżonn id-diesel għal crane. Għidtlu ok. Għidtlu tih.*

***Dr Andrew Saliba :** Għidtlu ok x'iġifieri?*

***Ix-Xhud :** Biex itih ... biex itih id-diesel.*

***Dr Andrew Saliba :** U l-crane fejn kien qiegħed?*

***Ix-Xhud :** Fuq il-moll.*

***Dr Andrew Saliba :** Rajtu?*

***Ix-Xhud :** Jiena?*

***Dr Andrew Saliba :** Qabel l-inċident?*

***Ix-Xhud :** Le ... le ... ma nżiltx hemm hekk jiena fuq il-moll qabel l-inċident. Lil Hubert rajt qabel l-inċident.*

***Dr Andrew Saliba :** Il-prassi dak iż-żmien biex jingħata d-diesel lill-cranes x'kienet?*

***Ix-Xhud :** Għadha sa llum hekk ... iġifieri aħna normal practice ... mill-pompa.*

***Dr Andrew Saliba :** Il-pompa fejn qiegħda?*

***Ix-Xhud :** Qiegħda l-Yard.*

***Dr Andrew Saliba :** Qiegħda l-Yard. Kemm qiegħda bogħod minn fejn seħħ l-inċident? Bejn wieħed u ieħor?*

> ***Ix-Xhud :*** *Emm ... ma nafx nikkalkulalek ta' ... 2 minutes ...*
>
> ***Dr Andrew Saliba :*** *Ground tal-football ...*
>
> ***Ix-Xhud :*** *Ehe qisu ground tal-football ehe ...*
>
> ***Dr Andrew Saliba :*** *Issa dakinhar meta kellmek Hubert u qallek irrid intih id-diesel ...*
>
> ***Ix-Xhud :*** *Ehe ...*
>
> ***Dr Andrew Saliba :*** *Ikkonfermajt xi ħaġa miegħu? Staqsejtu xi domandi?*
>
> ***Ix-Xhud :*** *Le. Ok ...*
>
> ***…***
>
> ***Il-Qorti :*** *Meta qallek li jrid itih id-diesel, inti kont għidtlu biex iqiegħed il-crane x'imkien?*
>
> ***Ix-Xhud :*** *No ... no ... no ... il-crane kien ilu ġurnata qabel hemm hekk.*
>
> ***Il-Qorti :*** *Meta tgħidli hemm hekk ... kien mal-moll?*
>
> ***Ix-Xhud :*** *Fuq il-moll.*
>
> ***Il-Qorti :*** *Iġifieri kien mal-moll ġurnata qabel?*
>
> ***Ix-Xhud :*** *Ehe.*

60. Dwar il-proċess tal-għoti ta' diesel, fil-kontro eżami mogħtija fl-4 ta' April 2023, Hili kellu dan xi jgħid:

> ***Dr Alessia Zammit Mc Keon :*** *Naqblu illi l-għoti tad-diesel hija xi ħaġa normalissima fil ... fix-xogħol tagħkom il-Medserv?*
>
> ***Ix-Xhud :*** *Normali.*
>
> ***Dr Alessia Zammit Mc Keon :*** *Iġifieri jekk tipparaguna ma' l-għoti tad-diesel f'karozza normali jiġifieri l-istess ħaġa?*
>
> ***Ix-Xhud :*** *Normali ... normalissima.*
>
> ***Il-Qorti :*** *Għandek inġenji u trid ittihom id-diesel.*
>
> ***Dr Alessia Zammit Mc Keon :*** *Hekk hu. U naqblu wkoll illi x-xogħol tal-preparazzjoni tal-crane inkluż l-għoti tad-diesel hija xi ħaġa li huwa responsabbli għaliha il-crane operator?*
>
> ***Ix-Xhud :*** *Yes.*

***Dr Alessia Zammit Mc Keon :*** *Ok ... nifhem ukoll illi meta inti tkellimt dawn il-ftit sekondi li inti tkellimt ma' Hubert Muscat dwar l-għoti tad-diesel, il-konverżazzjoni kienet tali li hu infurmak li ħa jingħata diesel mhux talbek permess hux hekk?*

***Ix-Xhud :*** *Lili kien qalli ... qalli li għandu bżonn id-diesel il-crane u jiena bħala crane operator tajtu l-go ahead biex il-crane itih id-diesel bħalma hemm inġenji oħrajn ikunu ...*

***Il-Qorti :*** *Iġifieri ha nifhem ftit ... inti mument minnhom lil Hubert kont kellimtu ... kont kellimtu għidtlu ħares għandna bżonn il-crane għat-tali xogħol jew x'kien? Kif ġie l-kliem fuq il-crane?*

***Ix-Xhud :*** *Il-crane kien ħadem ġurnata qabel u kien qiegħed fuq il-moll sewwa ... issa hu filgħodu sewwa ... jien ... naħseb jiena kellu kuntatt mal-crane operator tal-ġurnata ta' qabel filgħaxija jew filgħodu kmieni u qallu għandu bżonn id-diesel. Informa lili filgħodu qalli Ton ... qalli għandu bżonn id-diesel ... għidtlu mur tih id-diesel ġalli aħna dejjem insibuh lest għax-xogħol qed tifhimni?*

***Dr Alessia Zammit Mc Keon :*** *Ok ... li hija parti normali biex ovvjament il-crane ikun ippreparat meta eventwalment ħa jintuża?*

61. Dwar kif kien il-crane dakinhar tal-akkadut, il-Qorti taghmel ukoll ghax-xhieda ta' Simon Fischer, Chargehand tas-soċjeta' intimata Medserv, illi ghalkemm ma kienx hu illi ta' istruzzjonijiet lil Muscat, kien ra l-crane filgħodu, u kellu dan xi jgħid meta xehed fis-27 ta' Jannar 2021:

***Dr Andrew Saliba :*** *Issa semmejtilna li rajt il-crane ipparkjat. Tista' tispjegalna bejn wieħed u ieħor ...*

***Il-Qorti :*** *Armat aktar minn ipparkjat hux hekk?*

***Ix-Xhud :*** *Il-crane kien qiegħed fuq is-side triggers magħluqin iġġakkjat il-fuq minn ma' l-art kif rajtu jien filgħodu u daqshekk.*

***Il-Qorti :*** *Iġifieri armat diġa' kien hu.*

***Ix-Xhud :*** *Mhux armat bil-counterweight b'kollox. Hu li kien, il-ġib 'l isfel ...*

***Il-Qorti :*** *All right ...*

***Ix-Xhud :*** *Jew immejjel ... għax lanqas niftakar eżatt ta' ... ħalli ma nkunx qed nigdeb. Imma li naf ċert is-side triggers kienu magħluqin u kien iġġakkjat 'il fuq il-crane, voldieri r-roti ma kinux qed imissu ma' l-art filgħodu.*

***Dr Andrew Saliba :*** *U mix-xifer tal-moll, kemm kien hemm distanza?*

***Ix-Xhud :*** *Ara aħna fuq il-moll tagħna għandna line … hemm linja li ma nistgħux naqbżuha ħabba safety reasons precautions. U voldieri bejn wieħed u ieħor kien hemm kien hemm … lanqas naf x'ħa naqbad ngħidlek … 2 metres … 3 metres 'il bogħod …*

***Dr Andrew Saliba :*** *Mil-linja mhux mix-xifer. U l-linja kemm qiegħda 'l bogħod mix-xifer.*

***Ix-Xhud :*** *Mil-linja għax-xifer xi daqshekk hemm ta' …*

***Il-Qorti :*** *Hemm xi ġiex (2) metri … tlett (3) metri?*

***Ix-Xhud :*** *Dak l-ilma.*

***Dr Alessia Zammit Mc Keon :*** *Hemm ir-ritratti …*

***Ix-Xhud :*** *Għax eżatt ma nafx …*

***Dr Andrew Saliba :*** *Issa dan il-crane partikolari xi kemm kien ilu jużah Hubert Muscat jekk taf tgħidilna?*

***Ix-Xhud :*** *Hubert ifhimni fl-inġenji kien bravu ħafna … kien ilu … kien ilu jużaħ ħafna l-crane u barra dak il-crane tal-mitejn u għoxrin (220) kien juża tal-mija (100) wkoll Hubert.*

***Dr Andrew Saliba :*** *Skużani ma fhimtekx.*

***Ix-Xhud :*** *Kien jaħdem fuq crane tal-mija (100) wkoll.*

***Il-Qorti :*** *Iġifieri crane kbir … meta tgħid tal-mija (100)?*

***Ix-Xhud :*** *Għax aħna dak iż-żmien kellna tnejn. Kellna wieħed ta' mitejn u għoxrin (220), kien iktar b'saħħtu u tal-mitt (100) tunellata. Hubert kien jaħdimhom kollha … Hubert kien iħaddem crane ta' tlett mitt (300) tunellata maċ-Ċaqnu … voldieri …*

***Il-Qorti :*** *Kien jaf iħaddimhom.*

***Ix-Xhud :*** *Kien jaf iħaddimhom.*

***Il-Qorti :*** *Issa ħa nistaqsik domanda. Dakinhar semmejtli li kien armat bil-ġakkijiet imniżżlin imma l-ġakkijiet kienu mdaħħlin 'il ġewwa? Hemm xi raġuni għaliex il-crane jittella' bil-ġakkijiet 'il ġewwa?*

***Ix-Xhud :*** *Jien onestament ma nistax ngħidlek jekk hemm xi raġuni jew le għax jiena m'inhix crane operator bħal ma qed ngħidlek. Imma jiena … emminni ma nafx … forsi biex ineħħi l-piż minn fuq ir-roti nista' nimmaġina jien … imma m'inhix expert fuqhom ma nafx.*

***Il-Qorti :*** *Imma nkun korrett ngħid li meta intuża is-side riggers iridu jinħarġu 'l barra? Hux hekk?*

***Ix-Xhud :*** *Hekk hu. Hekk hu. Is-side riggers …*

62. Jirriżulta illi fost id-dokumentazzjoni eżebita lill-Qorti, hemm ukoll il-filmat illi juri l-akkadut, liema filmat kien ġie deskritt minn **Simon Lanzon**, General Manager tas-soċjeta' intimata Medserv, fl-affidavit tiegħu datat 14 ta' Diċembru 2022, a fol 851 et seq, fejn a fol 857, spjega dak illi ra fuq ic-CCTV: (fo 857)

    *27. Għandi ngħid illi, l-għada, jiena rajt il-filmat tas-CCTV illi hemm fuq il-moll. Minn dan il-filmat (li nifhem li diġa ġie eżebit mill-espert l-Inġinier Alexander Galea) kien jidher illi Pawlu Zahra riesaq bit-trakk ma' ġenb il-crane, liema crane kien jidher li kellu l-counterweights li kienu fuq ix-chassis tal-crane. L-outriggers dehru illi kienu kollha magħluqin. Il-filmat juri lil Muscat jattiva l-counterweights li jfisser li żied il-piż ta' dawk mal-kabina u dawwar il-kabina f'direzzjoni anticlockwise. Peress li l-counterweights baċgħu mwaħħlin mal-kabina (għaliex kienu attivati), hekk kif dar madwar ħamsa u erbgħin (45) grad u l-counterweights ġew fuq il-baħar (u għalhekk bejn l-outriggers), ingħeleb iċ-ċentru tal-gravità, il-crane beda' jgħola l-fuq, Muscat deher li pprova jaqbeż mill-crane iżda deher li ħabat rasu mal-moll u spiċċa ġol-baħar.*

    *28. Nispjega illi l-counterweights jintużaw f'operazzjoni ta' rfiħ sabiex l-operatur jibbilanċja l-piż tal-merkanzija. Dan naturalment b'kalkolu illi jsir b'mod awtomatiku mis-sistema elettronika ġewwa l-kabina tal-crane fejn l-operatur idaħħal il-parametri tat-tgħabbija wara li jindika l-posizzjoni u l-ftuħ tal-outriggers.*

    *29. Nirrimarka għalhekk li l-fatt li Muscat ma fetaħx l-outriggers u, fl-istess waqt, attiva l-counterweights ssorprendietni ferm għaliex hija ħaġa ovvja illi, b'dawn iż-żewġ elementi, il-crane kien ser jegħleb. Dan aktar u aktar meta l-operatur in kwistjoni kien bniedem daqshekk imħarreġ u ta' esperjenza kif ukoll tant metikoluż f'xogħolu.*

## Ikkunsidrat

63. Jirriżulta illi, fil-mori tal-proċeduri odjerni, preċiżament 4 ta' Settembru 2019, ingħalqet l-inkjesta intitolat '***Inċident bi crane fi ħdan il-kumpannija Medserv ġewwa l-Freeport Birżebbugia fejn raġel ta' tlieta u erbgħin sena safa mejjet.***"

64. Jirriżulta illi l-konklużjoni tal-Maġistrat Inkwirenti kienu illi "*jidher illi ma jirriżultax li hemm xi dolo, culpa jew mora minn naħa ta' terzi.*" – fol 503.

65. Jirriżulta illi fost l-esperti imqabbda mill-Maġistrati Inkwirenti, kien hemm l-**Inġinier Alexander Galea**, illi xehed quddiem dina l-Qorti, kif ukoll assista lill-Qorti waqt l-Aċċess tagħha w turija ta' tħaddim ta' crane simili għal dak operat minn Hubert Muscat fil-ġurnata tal-inċident traġiku.

66. Jirriżulta illi, fir-rapport illi l-stess espert kien għamel lill-Maġistrat Inkwirenti, u ppreżentat quddiem dina l-Qorti wkoll, huwa wasal għas-segwenti konklużjonijiet:

*Through all the evidence gathered and described herein, the following conclusions can be drawn:*

*• The root cause of the accident is the result of rotating the superstructure with jib in a 'quasi vertical position with no load, engaged counterweights amounting to 54 tons and outriggers not extended. Through simple moment calculations, it could be shown that even through the outrigger cylinders were touching the ground, once the centre of gravity of the counterweights was rotated beyond the edge of the crane platform, the crane structure would destabilize itself in the direction of the counterweights;*

*On analysis of the various bits of evidence, it can be concluded that this was the result of a mistake by the crane driver as engaging counterweights, extended outriggers, angle of the jib and inputting of load data into the crane control computer were all dependent on the correct of operation of the driver;*

67. Fix-xhieda tiegħu mogħtija fis-17 ta' Marzu 2022, l-Inġinier Galea xehed ukoll dwar dak illi kien mistenni minn operatur ta' crane, bħalma kien Hubert Muscat, fosthom dokumentazzjoni illi kellu jimtela' qabel ma jibda jopera bih, fejn dwar dan kellu dan xi jgħid: (fol 831-832)

***Dr Alessia Zammit Mc Keon :*** *Ok pero din iċ-check list jekk ... jekk qed nifhem tajjeb emm ... il-kumpanija għal inqas minn investigazzjoni tiegħek titlob li crane operator qabel ma jibda l-ġurnata tax-xogħol tiegħu ...*

***Ix-Xhud :*** *Ehe hija responsabbilta ...*

***Dr Alessia Zammit Mc Keon :*** *Idur fiżikament ... and he actually ticks x'inhu tajjeb u x'mhuwiex.*

***Ix-Xhud :*** *Hekk hu.*

***Dr Alessia Zammit Mc Keon :*** *Ok issa fil-filmat illi inti ġbart fejn jidher li s-Sur Muscat imur lejn il-crane u tibda il ...*

***Ix-Xhud :*** *L-operazzjoni ...*

***Dr Alessia Zammit Mc Keon :*** *L-operazzjoni u mbagħad hemm il-parti fejn seħħ l-inċident ... inti rajt lis-Sur Muscat idur mal-crane ...*

***Ix-Xhud :*** *Le ...*

***Dr Alessia Zammit Mc Keon :*** *U jagħmel din ... din il-visual inspection?*

***Ix-Xhud :*** *Le u nista' ngħidlek ukoll li fittixt fil-crane il-għaliex għalkemm bl-ilma sar ħafna ħsara, kien baqa' ħafna dokumenti inkluż manual ... il-*

*manual fil-kabina li kien f'folder tal-plastic u ma kienx hemm kopji mimlijin ta' din iċ-check list.*

68. Jirriżulta, finalment, illi s-soċjetajiet intimati ressqu l-investigatur tagħhom, **Gaston De Giovanni**, illi, filwaqt illi investiga l-akkadut, fix-xhieda tiegħu mogħtija fid-9 ta' Ġunju 2022, (fol 844) ta informazzjoni, kemm fuq it-taħriġ illi kien ingħata Hubert Muscat, kif ukoll dwar l-akkadut innifsu:

**Dr. Alessia Zammit Mc Keon:** *Okay. Issa, erm dwar is-Sur Hubert Muscat, tgħidilna x' tip, mill-investigazzjoni tiegħek naturament, x' tip ta' impjegat kien, u x' tip ta' taħriġ kellu kemm hu personali kif ukoll taħriġ illi ingħata mill-kumpanija; mill-Medserv iġifieri;*

**Ix-Xhud:** *Mela, mill-investigazzjonijiet tagħna irriżulta illi anke meta kien ġie ingaġġat mal-Medserv, is-Sur Muscat kien diġa operator ta' krejn, u meqjus bħala operator ta' esperjenza. Meta beda jaħdem mal-Medserv, ingħatatlu l-induction training fuq health and safety, li hija proċedura normali milli stajna nifmhu għall-impjegati kollha. Ftit wara, fi żmien xahar, jekk mhux xahar, sitt ġimgħat, ukoll beda jingħata taħriġ speċifiku fuq il-krejn partikolari, u it-tip ta' krejn li kien qed jopera. Dawn baqgħu jiġu dejjem erm jingħata iktar taħriġ fil-fatt u anke ingħata training fejn dak li jidħol offshore crane operations. Iġifieri fejn qed jopera krejn jew inkella load li qiegħda fuq il-baħar, fuq l-ilma.*

**Dr. Alessia Zammit Mc Keon:** *Issa, Sur De Giovanni, tispjegalna jekk jogħgbok mill-investigazzjoni tiegħek, x'irriżultalek li ġara f' dan l-inċident?*

**Ix-Xhud:** *Erm il-krejn kien qiegħed ipparkjat fuq il-moll maġenb, fuq naħa minnhom kellu l-baħar u fuq in-naħa l-oħra kellu l-moll. Jidher li kienet qed issir operazzjoni ta' refuelling, għall xi raġuni l-krejn erm beda jiġi immanuvrat meta ngħid beda jiġi immanuvrat, mhux il-krejn per se, il-krejn baqa' f' postu, il-'Jib' tal-krejn bdiet tiġi eżattament imdawwra. L-outriggers ma kinux maħruġin u imneżżlin u ovvjament il-counterweights kienu engeġjati, il-jib dak il-ħin kienet qiegħda naqra l' fuq u spustjata li hija proċedura normali fejn jidħol il-jib, meta huwa dar ovvjament tilef il-bilanċ il-krejn. Tilef il-bilanċ għal fuq in-naħa tal-baħar u spiċċa waqa' l-baħar.*

**Dr. Alessia Zammit Mc Keon:** *Okay. U spiċċa waqa' l-baħar għalfejn? Mill-investigazzjoni tiegħek naturalment.*

**Ix-Xhud:** *Għax il-counterweight, il-counterweight, u dina tidher ukoll fuq il-videos, is-CCTV's li ġejna ippreżentati bihom, għelbet il-krejn. Erm, nista', bażikament jekk għandek xi ħaġa dritta, meta tibqa' dritta, il-weights qegħdin fin-nofs. Kif inti tispustjaha, il-counterweight joħroġ minn fuq il-base tal-krejn, dawk huma itqal, allura jinqaleb fuq naħa. U dak inzerta, in-naħa li inqaleb, hija in-naħa tal-baħar.*

**Dr. Alessia Zammit Mc Keon:** *Issa, fix-xhieda tiegħek inti semmejt żewġ fatturi, semmejt l-element tal-counterweight u semmejt l-element tal-out riggers.*

***Ix-Xhud:*** *Hekk hu.*

***Dr. Alessia Zammit Mc Keon:*** *Min hija l-persuna li tiddeċiedi kemm jew jekk jinfetħu l-outriggers u kemm jiġi engaged il-counterweight?*

***Ix-Xhud:*** *Dak huwa responsabbilta' tal-crane operator skont il-lift li jkun ħa jagħmel.*

## Ikkunsidrat

69. Jirriżulta, mill-assjem tax-xhieda riprodotti hawn fuq, illi fit-22 ta' Settembru 2016, Hubert Muscat, illi kien impjegat mas-soċjeta' Medserv bħala Crane Operator, u illi kellu taħriġ għal varji cranes illi kellha s-soċjeta' Medserv u kien magħruf għal kompetenza tiegħu f'dan il-qasam, mar, flimkien ma' sieħbu Paul Zahra, wara illi tkellem maċ-chargehand Antoine Hili, sabiex jimla l-crane illi kien qiegħed mal-moll bid-diesel.

70. Jirriżulta illi tali crane, tal-għamla Liebherr, kien wieħed ta' kobor konsiderevoli, li jiflaħ għal 220 tunnellati, w li kien jikkonsisti fi trakk ta' daqs konsiderevoli illi fuqu hemm crane illi jdur indipendentement mit-trakk, ma' liema crane kien hemm 'jib' ossija 'crane boom' li jiflaħ piż konsiderevoli, u li huwa pprovdut b' 'counterweights' sabiex jibbilanċjaw il-piż li jkun qed jinġarr fuq il-'jib', kif ukoll erbgħa 'outriggers' intiżi sabiex jinżamm l-istabbilta' tal-crane waqt illi qed jiġi operat.

71. Jirriżulta illi dak iż-żmien kienet prassi aċċettata li crane seta' jimtela fejn kien sorġut, u mhux neċessarjament jittieħed fil-pompa tad-diesel illi kien hemm fis-sit tal-Medserv.

72. Jirriżulta illi, hekk kif it-truck tad-diesel imtela, Muscat u Zahra marru biswit il-crane, li kien fuq il-moll lest għax-xogħol, sabiex jimlew il-crane.

73. Jirriżulta, iżda, illi t-tank tad-diesel kien sitwat fuq in-naħa tat-truck tad-diesel, ossija fuq in-naħa tal-crane illi kien qiegħed mal-ġemb tal-baħar u b'hekk kien diffiċli illi jimtela kif kien jinstab sorġut dak il-ħin.

74. Jirriżulta, għalhekk, illi Muscat daħal fil-crane, li dak il-ħin kien sorġut fuq is-saqajn, ossija 'outriggers', liema 'outriggers', iżda, ma kinux maħruġin 'il barra, u qabbad il-crane sabiex, mingħajr ma jsuq it-trakk tal-crane 'l hinn, ikun jista' jimmanuvra w jdawwar il-parti ta' fuq tal-crane bil-għan illi l-bokka tat-tank tad-diesel tkun viċin il-bowser tad-diesel.

75. Jirriżulta, madanakollu, illi meta kien qiegħed jagħmel tali manuvra, il-'*counter weights*', illi huma intiżi sabiex jintużaw mal-crane meta tkun qed tiġi operata sabiex jibbilanċjaw il-'jib' tal-crane meta dina tkun estiża 'l barra bil-materjal, sabiex toħloq bilanċ, jidher illi ma kinux skonnettjati u mneħħija minn fuq il-crane, u għalhekk daru flimkien mal-crane hekk kif Muscat beda l-manuvra illi jdawwar il-crane sabiex ikun jista' jaghti d-diesel.

76. Jirriżulta illi, hekk biex beda jdawwar il-crane, riżultat tal-fatt illi l-counterweights kienu mqabbdin kif ukoll il-fatt illi s-side riggers ma kinux maħruġin 'il barra, malli l-counterweights angolaw ruħhom 'l hinn mill-parti d-dritta tat-trakk, u għalhekk kienu

qed iduru fuq il-baħar, il-crane beda jitilef il-bilanċ u beda jinqaleb fid-direzzjoni tal-counterweights li, dak il-ħin kienu fuq il-baħar, bir-riżultat illi il-crane beda jxaqleb għal fuq il-baħar u l-crane eventwalment inqaleb għal fuq il-baħar u waqa’ fil-baħar – dana kollox seħħ f’temp ta’ ħames sekondi, kif jidher mir-ritratti eżebiti u formanti parti mill-Inkjesta Maġisterjali.

77. Jirrriżulta illi, nelfrattemp, hekk kif Hubert Muscat induna x’kien qiegħed jiġri, huwa ipprova jaqbeż minn fuq il-crane għal fuq l-art, madanakollu hemm kif qabeż, huwa laqat il-moll b’mod vjolenti u spiċċa fil-baħar.

78. Jirriżulta illi Zahra, li kien fit-truck tad-diesel jistenna, hekk kif ra x’ġara niżel u saħansitra qabeż fil-baħar biex jipprova jassisti lil Muscat li, dak il-ħin, kien waqa’ fil-baħar, iżda kien għalxejn għax, ftit wara Muscat miet.

**Ikkunsidrat**

79. Jirriżulta illi l-azzjoni kollha intavolata minn omm Izayah Muscat, Sephora Cutajar, u sussegwentement inkomplija minn Izayah Muscat hekk kif laħqet l-eta’, kienet ibbażata prinċipalment fuq l-argument illi s-soċjeta' Medserv kienet esklussivament responsabbli għall-inċident illi ġara lil missier Izayah Muscat, ossija Hubert Muscat, illi eventwalment wassal għall-mewt traġika tiegħu.

80. Madanakollu, mill-assjem tal-fatti kif fuq riprodotti, u dan abbażi ta’ xhieda prodotta quddiem dina l-Qorti, kemm kif diversament ippresjeduta kif ukoll kif ippresjeduta, jidher illi l-akkadut traġiku ma seħħx minħabba f’xi nuqqas da’ parte tas-soċjeta' intimata Medserv, iżda seħħ esklussivament riżultat ta’ manuvra erronja illi għamel Hubert Muscat fejn, minkejja l-esperjenza rikonoxxjuta tiegħu, dawwar il-crane li kien fuqu mingħajr ma’ dana kellu l-outriggers maħruġin ‘il barra u bil-counterweights imqabbdin, manuvra illi allura ma kinetx skond is-sengħa u l-arti u li, bir-riżultat, wassal sabiex il-crane inqaleb u waqa’ l-baħar.

81. Filwaqt illi huwa minnu illi kieku l-crane ma kienx sorġut ħdejn il-baħar, il-crane ma kienx jaqa’ l-baħar w jaf illi Hubert Muscat ma kienx imut, madanakollu l-mewt traġika ta’ Hubert Muscat ma tista’ bl-ebda mod tiġi attribwita lis-soċjeta' Medserv, li kienet ipprovdiet lil Muscat t-taħriġ kollu lilu meħtieġ u pprovdietu b’apparat illi kien funzjonanti, u dan peress li Muscat spiċċa inqaleb biss riżultat ta’ manuvra żbaljata tiegħu li spiċċat swiet ħajtu.

82. Jirriżulta, għalhekk, illi minkejja illi l-mewt ta’ Hubert Muscat kienet ċertament waħda traġika u ħalliet lir-rikorrenti Izayaha Muscat mingħajr missier fl-eta tenera ta’ tlettax-il sena, madanakollu s-soċjeta' Medserv Operations Limited, kif ukoll s-soċjeta' assikuratriċi tagħha Atlas Insurance PCC Limited, ma għandhom ebda responsabbilta’ u għalhekk id-difiżi tagħhom jimmeritaw illi jiġu milqugħa

83. Finalment, il-Qorti tgħarraf li, in vista tas-sitwazzjoni traġika li laqtet lir-rikorrenti Izayaha Muscat, ikun ġust u opportun illi ma titgħabbiex bl-ispejjeż ġudizzjarji ta’ l-intimati, għalkemm id-difiżi tagħhom qegħdin jiġu aċċettati.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** t-talbiet kollha tar-rikorrenti kif dedotti.

**Kull parti għandha tbagħti l-ispejjeż tagħha**.

**Francesco Depasquale** LL.D. LL.M. (IMLI)
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**